KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 31.5.2011
KUMM(2011) 317 finali

2011/0141 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li ttemm l-analiżi tal-iskadenza u l-analiżi tal-'esportatur ġdid' tal-miżuri kontra d-dumping li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') fil-proċediment kontra d-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

- **Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina,

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra u ma' għanijiet tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċedura kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta' esperti esterni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma fihx dispożizzjonijiet għal valutazzjoni tal-impatt ġenerali iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu vvalutati.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsira tal-azzjoni proposta**

Il-proposta mehmuża għal Regolament tal-Kunsill hija msejsa fuq is-sejbiet definittivi li jikkonċernaw ir-rekwiżiti li jitnieda proċediment kontra d-dumping. Huwa għalhekk propost li l-Kunsill jadotta l-proposta mehmuża għal Regolament li għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-25 ta' Ġunju 2011.

- **Bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma tal-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tħallix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini huwa mminimizzat u pproporzjonat mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa minħabba r-raġuni li ġejja:

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa minħabba li r-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

2011/0141 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li ttemm l-analiżi tal-iskadenza u l-analiżi tal-'esportatur ġdid' tal-miżuri kontra d-dumping li jikkonċernaw l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(2), (4), (5) u (6) tiegħu,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) F'Ottubru 2005, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1659/2005[2], impona dazji definittivi kontra d-dumping li jvarjaw minn 2,7 % sa 39,9 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ('RPĊ'). Wara żewġ analiżi interim mitluba mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, ir-Regolament, fl-2009, ġie emendat permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 825/2009[3] u (KE) Nru 826/2009[4]. Wara l-analiżi, id-dazji ta' kontra d-dumping imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1659/2005 attwalment ivarjaw minn 0 % sa 39,9 %.

1.2. Talba għal analiżi ta' skadenza

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti[5] tal-miżuri kontra d-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-RPĊ, il-Kummissjoni, nhar id-9 ta' Lulju 2010, irċeviet talba għal analiżi ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. It-talba ġiet ippreżentata mill-Magnesia Bricks

---

1 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
2 ĠU L 267, 12.10.2005, p. 1.
3 ĠU L 240, 11.9.2009, p. 1.
4 ĠU L 240, 11.9.2009, p. 7.
5 ĠU C 111, 30.4.2010, p. 29.

Production Defence Coalition ('MBPDC') ('l-applikant') f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw biċċa kbira, f'dan il-każ aktar minn 25 % tat-total tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja.

(3) It-talba kien fiha evidenza *prima facie* tal-probabilità ta' kontinwazzjoni ta' dumping u ta' rikorrenza ta' ħsara, li tqieset biżżejjed biex tkun iġġustifikata t-tnedija ta' proċediment ta' analiżi ta' skadenza. L-applikant saħaq ukoll li kumpanija bbażata l-Awstrija, RHI AG (RHI) għandha tiġi eskluża mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni peress li din kienet ittrasferiet l-attivitajiet tal-qofol tan-negozju tagħha lejn ir-RPĊ, fejn għandha kumpanija relatata li tipproduċi l-prodott ikkonċernat u żiedet l-attivitajiet tan-negozju tagħha marbuta mal-prodott ikkonċernat fir-RPĊ.

1.3. It-tnedija tal-analiżi tal-iskadenza

(4) Fit-8 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, ħabbret, permezz ta' avviż maħruġ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ('l-avviż tat-tnedija') it-tnedija ta' proċediment ta' analiżi tal-iskadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-RPĊ[6].

1.4. Perjodu tal-investigazzjoni tal-analiżi tal-iskadenza

(5) Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' partijiet involuti fil-proċedura, il-Kummissjoni ħabbret fl-avviż tat-tnedija li hi tista' tiddeċiedi li tapplika t-teħid ta' kampjuni, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Biex tkun tista' tiddeċiedi jekk hux meħtieġ teħid ta' kampjuni u, jekk inhu hekk, biex tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi, l-importaturi u l-produtturi tal-Unjoni ntalbu jipprovdu ċertu tagħrif għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010 ('il-perjodu tal-investigazzjoni' jew il-'PI').

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(6) Il-prodott ikkonċernat ('PK') huwa briks tal-manjeżja mhux moħmija, magħquda kimikament, li l-komponent tal-manjeżja tagħhom fih talanqas 80 % MgO, irrispettivament minn jekk fihomx manjeżite, li fil-present jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 6815 91 00 u ex 6815 99 00.

(7) Il-prodott simili huwa definit bħala briks tal-manjeżja mhux moħmija, magħquda kimikament, li l-komponent tal-manjeżja tagħhom fih talanqas 80 % MgO, irrispettivament minn jekk fihx manjeżite jew le, prodott u mibjugħ fis-suq tal-Unjoni.

(8) Il-briks tal-manjeżja huma mmanifatturati bl-użu tal-minerali tal-manjeżite bħala l-materja prima ewlenija. Dawn normalment jiġu prodotti skont speċifikazzjonijiet kimiċi standard li mbagħad jiġu addattati għall-ħtiġijiet tal-utenti aħħarija. Il-briks tal-manjeżja normalment jintużaw fil-produzzjoni tal-azzar bħala inforra għar-reċipjenti li fihom jiddewweb l-azzar.

---

[6] ĠU C 272, 8.10.2010, p. 5.

3. IL-PARTIJIET IKKONĊERNATI MILL-INVESTIGAZZJONI

(9) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lil produtturi oħra magħrufa fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur ikkonċernat u lill-importaturi u l-utenti magħrufa, bit-tnedija tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' tnedija. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li ppreżentaw raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ngħataw seduta ta' smigħ.

(10) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' partijiet involuti, it-teħid tal-kampjuni ġie previst fl-avviż tat-tnedija għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, l-importaturi tal-Unjoni mhux relatati u l-produtturi tal-Unjoni. Mit-tmienja u sebgħin produtturi esportaturi kkuntattjati fil-bidu, erba' biss ipprovdew l-informazzjoni għall-għażla tal-kampjun mitlub fl-avviż tat-tnedija.

(11) Fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni, total ta' għaxar kumpaniji, inklużi l-produtturi li f'isimhom l-MBPDC talbu l-analiżi, ippreżentaw l-informazzjoni mitluba. Il-produtturi tal-Unjoni li talbu l-analiżi jiddependu bil-qawwa fuq il-forniment ta' materja prima ewlenija mir-RPĊ u talbu trattament kunfidenzjali għall-ismijiet tal-kumpaniji tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' vendikazzjoni.

(12) Is-servizzi tal-Kummissjoni kienu kkuntattjaw lill-produtturi tal-Unjoni kollha tal-briks tal-manjeżja qabel it-tnedija biex kisbu informazzjoni dwar il-livelli tal-produzzjoni tagħhom u biex jiddeterminaw l-appoġġ jew l-oppożizzjoni tagħhom għall-investigazzjoni. Waħda mill-kumpaniji li rrispondiet, RHI AG, esprimiet l-oppożizzjoni tagħha għall-analiżi tal-iskadenza qabel it-tnedija.

(13) Wara t-tnedija, RHI sostniet li l-fatti ppreżentati mill-applikant fit-talba għall-analiżi, speċjalment fir-rigward tal-volum tal-produzzjoni ta' RHI, ma kinux preċiżi u li, għall-kuntrarju, RHI għandha tiġi inkluża fid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni bl-istess mod bħal ma kien sar fil-proċediment oriġinali fl-2005. Konsegwentement, iddisputat id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni li kienet wasslet għat-tnedija tal-proċediment abbażi ta' nuqqas ta' soddisfazzjon tar-rekwiżiti tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, billi hija l-akbar produttur tal-Unjoni, u tlaħħaq aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-UE, u topponi t-tnedija.

4. L-ISTĦARRIĠ

(14) Kif intqal fil-premessa (3) t'hawn fuq, l-applikant qies li RHI AG għandha tiġi esklużа mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni minħabba li kienet ittrasferiet l-attivitajiet tan-negozju ewlieni tagħha lejn ir-RPĊ. Fid-dawl ta' dan u tal-fatt li RHI AG esprimiet ruħha kontra l-analiżi, il-Kummissjoni talbet lill-RHI biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali biex teżamina jekk għandhiex jew le tiġi inkluża fid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-informazzjoni mitluba tikkonċerna l-attivitajiet tan-negozju tal-kumpanijia kemm fl-UE kif ukoll fir-RPĊ u tinkludi d-dejta dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, il-volumi tal-produzzjoni u l-valuri tal-bejgħ u l-volumi fl-UE u r-RPĊ u lill-hinn minnhom u l-valur tal-importazzjonijiet u l-volum tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Il-kumpanija pprovdiet l-informazzjoni addizzjonali u saret żjara ta' verifika fuq il-post fil-kwartieri ġenerali tal-kumpanija fi Vjenna.

(15) Fl-investigazzjoni oriġinali li tnediet f'Lulju tal-2004, RHI kienet waħda mill-produtturi tal-Unjoni kwerelenti. F'dak iż-żmien, RHI kienet timporta wkoll il-prodott ikkonċernat mill-kumpanija relatata magħha fir-RPĊ u kien ġie eżaminat jekk il-kumpanija kellhiex tiġi eskluża mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku.

(16) Huwa mfakkar li l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' RHI kienet saret fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2005 tal-11 ta' April 2005 li jimponi dazju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina[7] u ġiet ikkonfermata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/2005 tas-6 ta' Ottubru 2005 li jimponi dazju antidumping definittiv. Għall-finijiet tal-valutazzjoni, kienu ġew eżaminati l-kriterji li ġejjin:

– il-lokalità tal-kwartieri ġenerali tal-kumpanija, iċ-ċentru tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u s-siti ewlenin tal-produzzjoni;

– il-volum/il-valur tal-prodott ikkonċernat importat mir-RPĊ mqabbel mal-volum u l-valur totali tal-bejgħ;

– l-impatt tal-bejgħ importat fuq il-bejgħ totali tal-kumpanija fl-Unjoni, b'mod partikolari billi titqabbel il-profittabbiltà tal-bejgħ ta' RHI fl-UE tal-prodott importat ikkonċernat mar-rati tal-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw.

(17) F'dak iż-żmien instab li n-negozju ewlieni tal-kumpanija kien jinsab fl-Unjoni fir-rigward tal-prodott konċernat (il-kwartieri ġenerali tagħha, iċ-ċentru tar-R&D u l-akbar siti ta' produzzjoni kienu lkoll jinsabu fl-Unjoni). Barra minn hekk, il-maġġoranza kbira tal-bejgħ ta' RHI fis-suq tal-Unjoni kien prodott fl-Unjoni u parti żgħira biss kienet prodotta fir-RPĊ (5 % tal-volum tal-bejgħ totali fl-Unjoni) peress li l-produzzjoni tal-kumpanija relatata fir-RPĊ kienet immirata l-aktar lejn is-suq li kien qed jikber bil-ħeffa fl-Asja. Barra minn hekk, instab li dawn l-importazzjonijiet kienu nbiegħu mill-ġdid bi prezzijiet paragunabbli għal dawk tal-industrija tal-Unjoni u għaldaqstant il-kumpanija ma kinetx qed tgawdi effetti benefiċjali sostanzjali, f'dik li hija profittabbiltà, permezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-prodott importat. Fl-aħħar nett, issemma espliċitament li l-kumpanija tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' RHI kienet entità legali separata mill-kumpanija tal-produzzjoni tagħha Ċiniża. Instab li, minkejja li RHI AG hija grupp globali u għandha sit tal-produzzjoni fir-RPĊ li jikkostitwixxi entità legali separata, hija xorta tipproduċi l-maġġoranza kbira tal-briks tal-manjeżja tagħha, li wara nbiegħu fis-suq tal-Unjoni, fis-siti tal-produzzjoni tagħha fl-Unjoni. Abbażi ta' dan, ġie konkluż li RHI AG, li f'dak iż-żmien appoġġat l-impożizzjoni tal-miżuri, kienet tifforma parti mill-industrija tal-Unjoni.

(18) Matul il-verifika fuq il-post li saret matul il-proċediment attwali, instab li n-negozju ewlieni tal-kumpanija kien għadu jinsab fl-Unjoni. Il-kwartieri ġenerali tal-kumpanija, id-detenturi tal-ishma u ċ-ċentru tar-R&D tagħha kienu jinsabu fl-Unjoni. Il-kumpanija għandha ħames impjanti fl-Unjoni li jipproduċu l-prodott ikkonċernat u matul il-perjodu 2005 sat-30 ta' Ġunju 2010, li fih seħħ it-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni f'dawn l-impjanti tkattret. Iċ-ċifri pprovduti

[7] ĠU L 93, 12.4.2005, p. 6.

minn RHI li jikkonċernaw il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha fl-Unjoni tal-prodotti simili u tal-volumi tal-produzzjoni f'kull impjant tul il-perjodu tal-investigazzjoni ġew ivverifikati u nstabu li huma korretti.

(19) Il-kumpanija kompliet ukoll tinvesti fl-impjanti tagħha fl-UE u, tul il-perjodu mill-2007 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni, l-investimenti konnessi mal-prodott simili rrappreżentaw porzjon sinifikanti tal-investimenti totali tal-kumpanija fl-UE.

(20) RHI għandha għadd ta' kumpaniji relatati fir-RPĊ involuti fil-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti li jifilħu għas-sħana inklużi fosthom il-briks tal-manjeżja, li tipproduċihom RHI Refractories Liaoning Co. Ltd., li hija entità legali separata. Din il-kumpanija hija investiment bi sħab ma' kumpanija Ċiniża u bdiet tipproduċi fl-1997. Għandha impjant wieħed biss. Minkejja li l-kapaċità produttiva tal-impjant żdiedet sostanzjalment matul il-perjodu mill-2005 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni, xorta għadha ma tirrappreżentax proporzjon maġġuri tal-kapaċità produttiva totali ta' RHI (l-impjanti fl-UE u fiċ-Ċina f'salt).

(21) Fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, wara l-impożizzjoni tal-miżuri fl-2005, il-kumpanija importat biss kunsinna żgħira mingħand il-kumpanija relatata magħha fir-RPĊ matul il-perjodu tal-investigazzjoni, peress li din hija suġġetta għall-ogħla rata ta' dazju kontra d-dumping ta' 39,9 %.

(22) RHI pprovdiet il-valur u l-volum tal-bejgħ tagħha għall-prodott simili mmanifatturat fl-Unjoni u għall-prodott ikkonċernat immanifatturat fir-RPĊ. Il-kumpanija wriet li l-maġġoranza tal-bejgħ tal-kumpanija relatata magħha fir-RPĊ matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienet għall-esportazzjoni lejn pajjiżi oħra għajr dawk tal-UE, bil-bqija jinbiegħ fis-suq Ċiniż.

(23) Fir-rigward tal-impatt li l-bejgħ tal-prodott importat ikkonċernat kellu fuq il-bejgħ totali tal-kumpanija fl-Unjoni, il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet imqabbel mal-volum totali tal-bejgħ tal-kumpanija fis-suq tal-Unjoni kien wieħed insinifikanti u għaldaqstant l-impatt fuq il-bejgħ tal-kumpanija kien negliġibbli.

(24) Abbażi tad-dejta vverifikata fuq il-post ġie konkluż li RHI ma għandhiex tiġi eskluża mid-definizzjoni ta' industrija tal-Unjoni. Il-qagħda tal-kumpanija ma nbidletx sostanzjalment mindu saret l-investigazzjoni oriġinali, meta nstab li t-tliet kriterji kienu ssodisfati u ġie konkluż li l-kumpanija kienet parti mill-industrija tal-Unjoni.

(25) Is-sejbiet jikkonfermaw li l-kumpanija għad għandha l-attivitajiet ewlenin tan-negozju tagħha (il-kwartieri ġenerali, iċ-ċentru tar-R&D u s-siti ewlenin tal-produzzjoni) fl-UE. Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-impjant fir-RPĊ fil-perjodu mill-2005 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ma tistax titqies bħala trasferiment tal-attivitajiet ewlenin tal-kumpanija lejn ir-RPĊ. Għaldaqstant, l-argument tal-applikant li RHI għandha tiġi eskluża fuq il-bażi li din għandha kumpanija relatata fir-RPĊ li tipproduċi l-prodott ikkonċernat u li l-attivitajiet tan-negozju fir-RPĊ tkattru, huwa miċħud.

(26) L-informazzjoni fornuta mill-applikant ma rriflettietx b'mod preċiż il-qagħda ta' RHI bħala produttur tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-volum tal-produzzjoni tagħha u l-kapaċità produttiva fl-Unjoni, u l-kapaċità produttiva fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Għaldaqstant, bl-inklużjoni tal-volum tal-produzzjoni ta' RHI fiċ-ċifra tal-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-produttività tal-applikant tikkostitwixxi anqas

minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif tfisser aktar 'il fuq, i) RHI għandha titqies bħala parti mill-industrija tal-Unjoni fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament bażiku, ii) RHI tipproduċi 'l fuq minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 5(4), it-2 sentenza, tar-Regolament bażiku u iii) RHI topponi l-analiżi tal-iskadenza. Għaldaqstant, il-proċediment għandu jintemm.

5. TMIEM TAL-PROĊEDURA

(27) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, huwa meqjus li l-proċediment preżenti għandu jintemm skont l-Artikoli 9 u 11(2), (5) u (6) tar-Regolament bażiku.

(28) L-applikant ġie informat b'dan u ngħata l-opportunità li jikkumenta. L-applikant ikkontesta bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u esprima d-dubji dwar jekk il-produzzjoni ta' RHI matul il-perjodu tal-investigazzjoni qabżitx il-produzzjoni tal-bqija tal-produtturi tal-Unjoni li jappoġġjaw il-kwerela. B'mod partikolari, l-applikant ipprovda għadd ta' stqarrijiet għall-istampa li jikkonċernaw l-attivitajiet ta' RHI biex jissostanzja dak li qed jisħaq li l-kumpanija ma għadhiex tqis il-produzzjoni tagħha fl-Unjoni bħala n-negozju ewlieni tagħha u li hemm trasferiment ċar fl-istrateġija tal-grupp hekk kif dan ħabbar estenzjonijiet massiċċi tal-kapaċitajiet produttivi tiegħu fir-RPĊ. Madankollu, instab li t-tali stqarrijiet għall-istampa jirreferu għall-attivitajiet kummerċjali kumplessivi ġenerali tal-kumpanija, u mhumiex konnessi b'mod speċifiku mal-prodott investigat. L-applikant ma pprovda l-ebda xhieda oħra ta' xi trasferiment tal-attivitajiet ewlenin ta' RHI fir-rigward tal-perjodu mill-2005 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni li jwasslu għall-konklużjoni li RHI għandha tiġi eskluża mid-definizzjoni ta' industrija tal-Unjoni.

(29) Għaldaqstant, tqies li l-proċediment ta' analiżi tal-iskadenza dwar l-importazzjonijiet fil-Unjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-RPĊ għandu jintemm.

(30) Fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari mfissra fil-premessa 26 ta' hawn fuq, id-dazji definittivi kontra d-dumping imħallsa jew imdaħħla fil-kontijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1659/2005 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-14 ta' Ottubru 2010 'l hawn, li kienet id-data tal-iskadenza tal-miżuri kontra d-dumping, għandhom jiġu rimborżati jew rimessi.

(31) Ir-rimborż jew ir-rimessjoni jridu jintalbu mingħand l-awtoritajiet doganali nazzjonali skont il-leġislazzjoni doganali applikabbli.

(32) Fid-dawl taċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq b'mod partikolari fil-premessa 21, il-Kummissjoni se timmonitorizza l-flussi tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ukoll il-Kodiċijiet NM rilevanti. Jekk il-fluss jidher li jkun qed jinbidel, il-Kummissjoni tqis l-azzjoni li trid tittieħed.

6. TMIEM L-ANALIŻI TA' 'ESPORTATUR ĠDID'

(33) Fis-27 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għal analiżi ta' 'esportatur ġdid' skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni tressqet minn TRL China Ltd ('TRL'), produttur esportatur fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(34) TRL stqarr li jopera f'kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif iddefiniti fl-Artikolu 2(7) (c) tar-Regolament bażiku jew alternattivament talab trattament individwali konformi mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Dan kompla jistqarr li ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu kienu msejsa l-miżuri kontra d-dumping, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004 ('il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali') u li ma kien relatat mal-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi tal-prodott li huma suġġetti għall-miżuri kontra d-dumping imsemmija hawn fuq fil-premessa (1).

(35) TRL kompla jistqarr li kien beda jesporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni wara tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali.

(36) Fit-28 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni, wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv, ħabbret, permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 850/2010[8] ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* it-tnedija ta' analiżi ta' 'esportatur ġdid' skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-RPĊ, it-tneħħija tad-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn TRL u s-suġġettazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet għar-reġistrazzjoni.

(37) Il-perjodu tal-investigazzjoni għall-analiżi tal-'esportatur ġdid' kienet mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Ġunju 2010.

(38) Fid-dawl tat-tmiem tal-analiżi tal-iskadenza u billi TRL ma importawx il-prodott ikkonċernat bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni li ħabbar it-tnedija tal-analiżi ta' 'esportatur ġdid' u d-data tal-iskadenza tal-miżuri kontra d-dumping (fi tmiem it-13 ta' Ottubru 2010), tqies li l-analiżi tal-'esportatur ġdid' dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw mir-RPĊ għandha għaldaqstant tintemm ukoll.

(39) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' tnedija,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri kontra d-dumping li jikkonċernaw l-importazjonijiet ta' briks tal-manjeżja mhux moħmija, magħquda kimikament, li l-komponent tal-manjeżja tagħhom fih talanqas 80 % MgO, irrispettivament minn jekk fihx manjeżite jew le, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM ex 6815 91 00 u ex 6815 99 00, permezz ta' dan huma abrogati u l-proċediment li jikkonċerna lil dawn l-importazzjonijiet intemm.

Artikolu 2

Id-dazji definittivi kontra d-dumping imħallsa jew imdaħħla fil-kontijiet skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1659/2005 fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjesja li

[8] ĠU L 253, 28.9. 2010, p. 42.

joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina li ġew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-14 ta' Ottubru 2010 għandhom jiġu rimborżati jew rimessi.

Ir-rimborż u r-rimessjoni għandhom jintalbu mill-awtoritajiet nazzjonali tad-dwana skont il-leġislazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 3

L-analiżi ta' 'esportatur ġdid' imnedija mir-regolament (UE) Nru 850/2010 hija, permezz ta' dan, mitmuma.

Artikolu 4

L-awtoritajiet doganali b'dan huma mitluba jwaqqfu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 850/2010.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President